31993D0590

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Novembru 1993

għax-xiri mill-Komunità ta' l-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fi ħdan l-istruttura ta' l-azzjoni Komunitarja li tirrigwarda r-riservi tal-vaċċini kontra l-marda tal-lsien u d-dwiefer

(93/590/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infieq fil-qasam veterinarju [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/439/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/666/KEE tal-11 ta' Diċembru 1991 li tistabbilixxi riservi Komunitarji tal-vaċċini kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer [3], u, b'mod partikolari, l-Artikoli 5 u 7 tagħha,

Billi, b'konformità mad-Deċiżjoni 91/666/KEE, ix-xiri tal-antiġeni hu parti mill-azzjoni Komunitarji biex jiġu stabbiliti riservi Komunitarji tal-vaċċini kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;

Billi l-Kummissjoni ħarġet sejħa għall-offerti għall-forniment tal-antiġeni;

Billi l-Kummissjoni eżaminat l-offerti magħmula filwaqt li kkunsidrat il-fatturi segwenti:

— il-ħtieġiet tekniċi ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 91/666/KEE u kriterji oħra imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni,

— li ftit mill-istabbilimenti ma jistgħux jissupplixxu n-numru kollu ta' dożi ta' ċerti antiġeni,

— il-ħtieġa tal-istabbilimenti li jipproduċu biex ikunu kompletament konformi mal-linji ta' gwida ta' prattika tajba fil-manifattura (GMP/PTM);

Billi l-Kummissjoni għażlet lil Rhône-Mérieux biex tissupplixxi ħames miljun doża ta' kull subtip A_5, A_{22}, O_1 tas-silta Ewropea u O_1 tas-silta tal-Lvant Nofsani bħala l-ewwel pass; billi l-istabbilimenti li għandhom jissupplixxu s-siltiet l-oħrajn ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 91/666/KEE għandhom ikunu deċiżi wara sejħa oħra għall-offerti;

Billi dispożizzjonijiet finanzjarji għandhom isiru sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tixtri dawn is-siltiet mingħand Rhône-Mérieux;

Billi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 91/666/KEE, hu meħtieġ li jiġu stipulati r-regoli għat-tqassim ta' riservi tal-antiġeni bejn il-banek tal-antiġeni, imsemmija fl-Artikolu 1 ta' l-imsemmija Deċiżjoni;

Billi hu xieraq li kull silta għandha tiġi maqsuma ugwalment bejn iż-żewġ banek; billi s-siltiet maħżuna f'kull bank għandhom ikunu relatati ġeografikament maż-żona li tista' jkollha l-iżjed riskju;

Billi skond l-Artikolu 40 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE, il-kontrolli li hemm provediment dwarhom f'L-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill Regolamenti (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 li jirrigwardaw il-finanzjament tal-istrateġija agrikola komuni [4] għandhom ikunu applikabbli; billi, barra dan, għandhom isiru ċerti dispożizzjonijiet partikolari;

Billi l-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Komunità għandha tixtri ħames miljun doża ta' kull waħda mis-siltiet segwenti tal-antiġenu tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer:

— A_5 Europea,

— A_{22} Lvant Nofsani,

— O_1 Lvant Nofsani,

— O_1 Europea,

sa spiża massima ta' 4 065 miljun ECU.

2. L-antiġenu imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fornut minn Rhône-Mérieux, Pirbright Laboratory, Ash Road, Surrey, ir-Renju Unit.

Artikolu 2

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi kuntratt, f'isem il-Komunitajiet Ewropej, ma' Rhône-Mérieux.

2. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura għandu jkun awtorizzat li jiffirma l-kuntratt f'isem il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

3. Il-ħlas lill-Rhône-Mérieux għandu jsir skond it-termini tal-kuntratt li hemm provediment dwaru fil-paragrafu 1.

---

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.
[2] ĠU L 203, tat-13.8.1993, p. 34.
[3] ĠU L 368, tal-31.12.1991, p. 21.
[4] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13

Artikolu 3

L-antiġenu għandu jkun imqasam bejn l-erba' banek ta' l-antiġeni skond kif ġej:

(a) Bayer, Cologne u l-Istituzzjoni għas-saħħa ta' l-Annimali, Pirbright: 2,5 miljun doża ta' kull O_1 silta Ewropea u A_5 f'kull bank;

(b) LNPB, Lyon u 1ZP, Brescia: 2,5 miljun doża ta' kull waħda mis-siltiet O_1 tal-Lvant Nofsani u A_{22} f'kull bank.

Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni